MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Numru 658/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**
**V**

**OMISSIS**
**JESMOND PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH SCERRI** ta' tmienja w tletin sena bin Joseph u Mary nee Azzopardi, imwieled H'Attard nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 1968 u residenti 23, Triq Santa Marija, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 169168M u **JESMOND PORTELLI** ta' sitta w tletin sena bin Charles u Carmela nee Mangion, imwieled Pieta nhar l-wiehed w ghoxrin ta' April 1970 u joqghod 14B, Triq Dun Kikiel Cassar, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 293770M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fil-wiehed u tletin ta’ Mejju 2006, fi Triq Mimosa, Hamrun, ghal habta tal-hdax u nofs ta’ filghodu, ikkommettew serq ta’ stereo tal-marka Ultravox minn vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni EBG 528 ghad-dannu ta’ Samuel Dalli minn Haz Zabbar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-istess Samuel Dalli, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin izda ma tiskorrix l-hames mitt lira maltin.

3. Talli fl-istess data, hin, ok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat , sew jekk f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom;

4. Talli saru recidivi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti bhala dokument CHS 2 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputati dawn il-proceduri jitmexxew sommarjament.

Semghet lil imputati Joseph Scerri u Jesmond Portelli jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fis-seduta tal-erbatax ta’ Lulju 2006.

**Semghet l-ammissjoni tal-imputat Jesmond Portelli** kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbatax ta’ Lulju 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil prosekuzzjoni titlob separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Jesmond Portelli w il-Qorti laqghet tali talba tant li pprosegwiet bitx taghti din l-istess sentenza fil-konfront ta' Jesmond Portelli.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorti pero nnutat li l-akkuza ta' ricettazzjoni nghatat mill-prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal akkuzi ta' serq u stante l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuza ta' serq, tastjeni milli tiehu konjizzjnoi ulterjuri ta'din l-akkuza.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, salv u b'eccezzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe meta gew mahlufa l-akkuzi fil-konfront tieghu u b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz, kif jirrizulta mill-verbal redatt mill-istess prosekuzzjoni fl-atti llum stess;

3. Il-fatt li l-imputat Jesmond Portelli obbliga ruhu fl-atti li jhallas nofs l-ispejjes rappresentanti hsarat fil-vettura proprjeta ta' Samuel Dalli fl-ammont ta' disgha u tmenin lira u sittin centezmu skond d-dokument CSH 8.

Minn naha l-ohra, pero l-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat li qisha ktieb bi tmien reati u kontravenzjonijiet registrati fuqha fejn inghata amendi, multi, sentenzi sospizi u prigunerija effettiva.

Huwa nghata diversi cansijiet, forsi fil-fehma ta' din il-Qorti, wisq, pero dan nonostante l-imputat reggha kiser dufrejh mal-Qorti u ghandu galhekk jiffaccja l-gustizzja. L-imputat ma tghallimx u fil-fatt wera x-xewqa jew ahjar l-insistenza li jibqa fit-triq tal-kriminalita. Zgur li ma gharafx jisufruwixxi ruhu minn dawn ic-cirkostanzi moghtija lilu precedentement u ghalhekk thoss li piena karcerarja hija l-piena idoneja li ghandha tapplika f'dan il-kaz.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50, 278(1), 279(a) u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat JESMOND PORTELLI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah komplessivament ghall-sena prigunerija effettiva mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------